filgħodu nhar Korpus il-qniepen bħas-soltu bdew idoqqu jsejħu l-poplu u ħdejn il-knisja kienu miġbura bosta nies u fratelli. Hawn bdew il-kummenti dwar il-fatt li ma kienetx ser issir il-proċessjoni għax l-Isqof Scicluna kien issospendiha. Kelma ġġib l-oħra, sar irvell wara l-bieb tal-Knisja u uħud kissru l-arma ta' l-Isqof li kienet fuq il-bieb. Indaħlet il-Pulizija u saru l-arresti. B'dan l-att kien hemm min qal li l-Knisja saritilha dekonsagrazzjoni allura sfat magħluqa għal xi jiem sa ma kollox ikkwieta.

Kellu jkun l-Isqof Kapuċċin Mons. Buħaġiar li ndaħal biex sewwa kollox. Dan ġiegħel li l-Fratellanza tagħmel talba lill-Isqof li jkunu lesti li jaċċettaw tibdil fil-libsa tal-fratelli minn dik bil-kappell aħmar fuq dahrhom għal barnuż aħmar kif ukoll waqt li flok kunfratija jibqgħu jżommu is-suttana ħamra, jilbsu wkoll muzzetta sewda bħal fratellanzi oħrajn bis-salib tad-deheb fuqha. Il-Fratellanza fuq din it-talba ingħatat digriet mill-Kurja u fis-sena 1885, dan l-Isqof ġie l-Birgu jikkunsenja id-digriet lill-Fratelli u jieħu sehem fil-festa ta' San Lawrenz. Id-digriet kien iġib id-data tas-6 ta' Awissu 1885. Dan l-Isqof ġie bil-gondola ta' l-Armirall u niżel fix-xatt il-Kbir għand l-Armirall Ingliż u l-fratelli u l-Kleru daħlu jilqgħuh u wassluħ sal-Parroċċa bil-proċessjoni. Wara, fl'Awla Kapitulari tqiegħed kwadru ta' l-Isqof, pittura ta' L. Pisani, b'kitba ta' tifħir taħt il-kwadru. Dan iżda safa meqrud fil-gwerra. Sfortunatament wara l-Gwerra il-Fratellanza bħal tant oħrajn spiċċat fix-xejn.
(Dan it-tagħrif miksub mill-Ark. tal-Kolleġġjata u tal-Kurja.)

---

**AWGURI lil Rafel Bonnici Calì**

L-Editur u l-Kumitat tal-Għaqda Tal Folklor jixtiequ jifirħu lis-Sur Rafel Bonnici Calì li din is-sena għalaq 90 sena. Huwa wieħed mill-Presidenti Onorarji tagħna, wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda tagħna, u spiss għamel kitbiet għall-L-Imnara. Minbarra ix-xogħol tiegħu dejjem kien, u għadu jaħdem għall-interess tal-folklor Malti. Nawgurawlu aktar snin ta' saħħa u xogħol.